


## L-IRAQ

# INT QED TBIDDEL IX-XEWQAT TAGĦHOM F’REALTÀ

L-ACN hi involuta fi proġetti għall-edukazzjoni tat-tfal fl-Iraq

Tfal fil-*Kindergarten* ta’ Mar Qardakh f’Ankawa, l-Iraq

**L-edukazzjoni hi strumentali biex komunitajiet Kristjani, li ilhom tant snin ibatu, jibnu ħajja ġdida fl-Iraq, mingħajr il-ħtieġa li jkollhom jitilqu minn pajjiżhom. Il-problemi ekonomiċi u l-qgħad huma, bħalissa, l-akbar theddid li qed jiffaċċjaw il-Kristjani f’dak il-pajjiż fil-Lvant Nofsani. Sabiex jibqgħu f’art twelidhom, ħutna għandhom bżonn impjieg stabbli. Għalhekk, l-edukazzjoni għanda rwol importanti ħafna sabiex il-Kristjani jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex isibu impjiegi stabbli.**

F’pajjiż fejn il-minoranza Kristjana ta’ spiss tiffaċċja diskriminazzjoni, għax huma Kristjani bħalna u għalhekk ikunu trattati bħala ċittadini tat-tieni klassi, ħafna ġenituri jixtiequ jibagħtu lil uliedhom fi skola Kattolika. L-Iskola Mar Qardakh tinsab fis-subborg ta’ Ankawa, f’Erbil, il-belt kapitali tal-Kurdistan Iraqqin u t-tielet l-akbar belt fl-Iraq. Din l-iskola Kattolika nfetħet fl-2011 mill-Arċidjoċesi Kattolika ta’ Erbil. Ħafna tfal irreġistraw għall-iskola mill-*kindergarten* sal-livell sekondarju. L-istudenti jkunu ffurmati biex jiċċentraw ħajjithom madwar Kristu, jitgħallmu kif ixerrdu l-Kelma ta’ Alla u biex ’il quddiem irabbu lil uliedhom fil-Fidi. Minbarra dan, Mar Qardakh hi skola differenti fl-Iraq għaliex tiffoka fuq il-ħsieb kritiku aktar milli fuq it-tagħlim bl-amment. Dan itella’ ’l-istudenti f’persuni sħaħ: jiġifieri fil-moħħ, fil-qalb u fir-ruħ. Mill-2014, Erbil saret id-dar ta’ ħafna Kristjani Iraqqini li ħarbu mill-irħula Kristjani fil-Wesgħat ta’ Ninwè u Mosul minħabba l-ħakma vjolenti tal-Istat Iżlamiku (ISIS). Dan, flimkien mar-reputazzjoni eċċellenti tal-iskola, qed iwassal biex l-applikazzjonijiet qed jiżdiedu b’mod kostanti. Sal-2022, l-iskola kibret u llum qed teduka 460 student u studenta, fosthom 109 tifel u tifla fil-*kindergarten*. L-iskola ma hix kbira biżżejjed biex takkomoda l-għadd dejjem jiżdied ta’ reġistrazzjonijiet. Għalhekk, l-Arċidjoċesi rrikorriet għand l-ACN għall-għajnuna biex, biswit l-iskola, tkun tista’ tibni *kindergarten* ġdid. Dan se joħloq spazju akbar għall-istudenti fl-iskejjel ewlenin u, fl-istess waqt, jippermetti wkoll li l-kindergarten tilqa’ numru akbar ta’ tfal. Bl-appoġġ tal-ACN, il-*kindergarten* il-ġdid inbena u issa nfetaħ. Dan il-*kindergarten* mgħammar b’sitt klassijiet u b’bitħa li fiha t-tfal jistgħu jilgħabu u jitgħallmu fis-sigurtà. L-iskola ta’ Mar Qardakh issa tista’ takkomoda numru dejjem akbar ta’ studenti - fil-livelli kollha - biex b’hekk il-Kristjani jkunu mgħejjuna biex ikomplu jgħixu fl-istess art Bibblika li sawrithom. Skont Farah, omm ta’ tifla ta’ ħames snin, il-bini tal-*playschool* kien “xewqa li saret realtà”. Luma, omm oħra b’tifel ta’ erba’ snin, qalet lill-ACN: “Il-ferħ kbir u s-serħan il-moħħ li dan ġab miegħu fost il-komunità tagħna huma enormi.” L-ACN tinsab involuta f’proġetti simili biex it-tfal f’dan ir-reġjun fl-Iraq, jingħataw edukazzjoni tajba. **Bħalissa, l-ACN qed tibni sitt *kindergartens* u orfanatrofju; b’attenzjoni partikolari biex familji Kristjani jingħataw l-għajnuna li tant għandhom bżonn biex jibqgħu xhieda ta’ Kristu f’art twelidhom stess. Permezz tal-ġenerożità tiegħek, l-ACN tista’ tkompli tiffinanzja dawn il-proġetti u oħrajn bħalhom biex b’hekk tkompli tgħin Kristjani fil-bżonn ħalli jibqgħu fl-Iraq. B’hekk, f’din l-art Bibblika u storika huma jibqgħu jsostnu l-istess Fidi li lkoll inħaddnu.**

acnmalta.org/rebuildinglives

**Jekk tixtieq tibda tirċievi dan il-fuljett id-dar, jekk jogħġbok ibgħat messaġġ (SMS / Whatsapp) bl-indirizz jew l-email tiegħek fuq 7999 9969.**

Aid to the Church in Need
ACN MALTA



# IN-NIĠERJA: MINKEJJA L-PERSEKUZZJONI, IL-VOKAZZJONIJIET QED JIŻDIEDU



Seminaristi f'purċissjoni fis-Seminarju Maġġuri tar-Ragħaj it-Tajjeb

**Kont taf li n-Niġerja hu wieħed mill-agħar pajjiżi għall-Kristjani? Il-Kristjani fin-Niġerja qed jgħaddu minn tbatijiet indeskrivibbli. Il-vjolenza tal-estremisti, il-qtil numeruż ta' Kristjani u l-ispostament ta' popolazzjonijiet sħaħ li jaħarbu mill-attakki tal-fanatiċi Iżlamiċi, ħolqu lil ħutna miżerja totali u niket, minbarra sens mifrux ta' nuqqas ta' tama.**

Il-grupp terroristiku Boko Haram, fl-Istat Iżlamiku tal-Afrika tal-Punent, li skont l-Isqfijiet Niġerjani hu grupp saħansitra aktar perikoluż u krudili mill-estremisti Musulmani, il-Fulani, kompla jżid l-attakki fuq il-Kristjani, b'appoġġ barrani akbar u b'armi aktar sofistikati. Imma kontra dak li hu mistenni, din il-Knisja martri u fqira qed tkompli tikber. Għalhekk teħtieġ l-appoġġ tagħna llum aktar minn qatt qabel biex issaħħaħ u terġa' tkebbes it-tama fost popolazzjoni Kristjana, li għaddejja minn tbatija enormi kostanti.

Hekk kif il-livell ta' vjolenza kontra l-Kristjani fin-Niġerja żdied, qed tiżdied ukoll id-dedikazzjoni tas-Saċerdoti u tal-Mexxejja tal-Knisja. Qed jirriskjaw ħajjithom kuljum biex iwasslu lil Kristu għand eluf ta' nies mifnija mill-vjolenza. Is-Saċerdoti tal-lum u t'għada fin-Niġerja jeħtieġu r-riżorsi u formazzjoni adegwata biex jieħdu ħsieb il-popolazzjoni Kristjana mwerwra li teħtieġ is-sokkors tal-Mulej. Hemm bżonn li jxerrdu l-Kelma ta' Alla b'mod aktar sigur f'wiċċ l-attakki u l-ħtif.

In-Niġerja hi l-akbar pajjiż Afrikan bl-akbar numru ta' Seminaristi. Mijiet minnhom huma ppersegwitati. Jinsabu nieqsa mill-mezzi biex ikunu jistgħu jaffordjaw l-ispejjeż tal-formazzjoni fis-Seminarji. Illum, bl-għajnuna tiegħek, l-ACN tista' tkompli tappoġġja lill-Knisja biex tifforma s-Saċerdoti t'għada f'rgħajja fidili u kuraġġużi.

F'pajjiż b'tant persekuzzjoni, is-Saċerdoti għandhom bżonn proġetti għall-formazzjoni psiko-spiritwali biex tingħeleb it-trawma, irtiri spiritwali, u formazzjoni kontinwa tal-Fidi.

**Hekk kif tkun qed tgħin lil dawn is-Saċerdoti u Seminaristi, tkun qed tgħin ukoll biex flimkien infejqu l-qlub midruba ta' dawn ħutna.**





Patri Jorge Naranjo, Saċerdot Kombonjan mal-komunità tiegħu fis-Sudan

# IS-SUDAN: IT-TFAL, IN-NISA U L-ANZJANI HUMA L-AKTAR LI QED IBATU

**Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, minn meta faqqgħet il-vjolenza fis-Sudan bejn il-Forzi tal-Appoġġ Rapidu (RSF) u l-Forzi Armati tas-Sudan, kważi erba' miljun persuna ħarbet minn darha.**

Meta waqt żjara fil-kwartieri ġenerali tal-proġetti internazzjonali tal-ACN tkellem l-Isqof Philippe Abbo Chen ta' Mongo fil-Lvant taċ-Ċad, hu spjega l-qagħda mwgħera ta' aktar minn 100,000 persuna spostata li daħlu fir-reġjun tiegħu mis-Sudan. Dan il-pajjjiż hu mifni bil-ġlied. L-Isqof Chen iddeskriva kemm hi ta' sfida kbira biex tipprova tappoġġja lil dawn il-familji li jaslu "mingħajr ebda riżorsi".

L-Isqof Chen qal li ħafna mill-persuni spostati huma "tfal, nisa u anzjani", u jgħixu f'faqar kbir.

L-Isqof qal: "Rajt nies ineħħu l-velijiet u jdendluhom mas-siġar biex jistkennu ftit fid-dell.

Qed nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ngħinuhom bil-ftit riżorsi li għandna, iżda r-riżorsi tagħna limitati."

Dawk ħutna li baqgħu fiż-żoni tal-kunflitt qed jiffaċċjaw diffikultajiet tremendi minħabba nuqqas ta' ikel, ilma u provvista tad-dawl. Qed jgħixu mingħajr dinjità. F'ħafna każi, djar ċivili ġew okkupati mis-suldati tal-RSF, u ħafna nies spiċċaw bla saqaf fuq rashom.

**It-tfal jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-persuni bla dar. L-Isqof Awżiljarju Daniel Adwok ta' Khartoum, imsieħeb fil-proġetti tal-ACN, hu determinat li jestendi l-inizjattiva *Save the Saveable* tal-Arċidjoċesi ta' Khartoum. Dan il-proġett hu mmirat biex jipprovdi ikel u edukazzjoni għal tfal fil-bżonn.**

# INSAĦĦU L-FIDI FL-IRAQ

**Għall-Arċisqof Najib Michael Moussa ta’ Mosul u Akre, il-formazzjoni taż-żgħażagħ fil-Fidi tagħhom, l-edukazzjoni Nisranija tat-tfal u t-tisħiħ tal-familji, huma l-miri ewlenin. Għaldaqstant, żied it-tagħlim tal-katekiżmu għat-tfal u għaż-żgħażagħ, u l-kura u l-akkumpanjament tal-familji.**

Fil-qalba ta’ dawn l-attivitajiet hemm iċ-ċentru kateketiku “Ġesù Sultan” f’Malabarwan, qrib Akre. Dan iċ-ċentru jinsab fir-reġjun awtonomu tal-Kurdistan, il-post fejn ħarbu ħafna familji Kristjani fl-2014 meta r-ribelli tal-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku (ISIS) ħakmu l-belt ta’ Mosul. Sal-lum, ħafna minn dawn il-familji li jgħixu f’dik iż-żona huma minn Mosul, wara li waslu fir-reġjun ta’ Akre bħala persuni spostati. Darba fil-ġimgħa, madwar 60 tifel u tifla ta’ bejn l-erba’ u t-12-il sena jinġabru hemmhekk għat-tagħlim reliġjuż. Matul ix-xhur tas-sajf, ikun organizzat kors intensiv ta’ xahrejn, mifrux fuq tlett ijiem fil-ġimgħa.

L-Arċisqof Moussa qal: “Dawn il-laqgħat huma importanti ħafna biex b’mod progressiv ninkorporaw lil Ġesù fil-ħajja ta’ dawn it-tfal, skont l-età u l-ħila tagħhom. Ħafna drabi, il-ġenituri jkunu mħabbta wisq bl-impenji tagħhom biex jagħtu edukazzjoni Kristjana soda lil uliedhom.”

Għall-Arċisqof hu importanti ħafna wkoll li t-tfal jitrabbew f’ambjent soċjali, aktar milli jgħixu iżolati l-ħin kollu. B’hekk, it-tfal ikollhom ukoll opportunità waqt dawn il-laqgħat biex jilgħabu flimkien u jesperjenzaw dak is-sens ta’ komunità.

Il-programm mhuwiex limitat biss għat-tfal. Jeħtieġ ukoll li l-ġenituri jkunu mgħejjuna u mgħallma dwar il-bżonnijiet reliġjużi ta’ wliedhom. Għalhekk ikunu organizzati wkoll laqgħat għan-nisa, b’madwar 65 parteċipanta, kif ukoll laqgħat għall-familji, fejn madwar 45 familja jieħdu sehem.

L-Arċisqof irrikorra għand l-ACN għall-għajnuna.



Attivitajiet ta’ formazzjoni tal-Fidi fil-Knisja ta’ San Ġużepp f’Banasoor, l-Iraq

**Bid-donazzjoni tiegħek, l-ACN tkun tista’ tappoġġja l-ħidma siewja ta’ dan iċ-ċentru kateketiku. B’hekk, int tkun qed tgħin ukoll biex tħeġġeġ lil dawn ħutna Kristjani biex ma jitilqux mil-Lvant Nofsani, iżda minflok jibqgħu fidili lejn l-art tagħhom. Jekk jogħġbok agħti donazzjoni llum u għinhom jissaħħu u jimtlew bit-tama.**

# GĦAJNUNA B’RISQ DAWK LI KORREW




Margaret u żewġha Dominic Attah, qed ikunu intervistati mill-ACN

**“Bdejna nisimgħu tiri ta’ armi tan-nar minn barra l-knisja. F’daqqa waħda l-bibien ingħalqu u konna qed nittamaw li konna siguri. Iżda wara ftit ħin bdew jisparaw fil-knisja wkoll.”**

Margaret Attah, ta’ 47 sena, qatt mhu se tinsa dak il-jum meta waqt Quddiesa, irġiel armati attakkaw il-Knisja ta’ San Franġisk Saverju f’Owo, fil-Lbiċ tan-Niġerja. Meta beda l-isparar, din in-ners u omm t’erbat itfal kienet qed tkanta mal-kor fil-gallerija tal-knisja.

Margaret qalet: “Inżilt u mort niġri lejn l-artal, qrib is-Sagrament.” Bħal ħafna oħrajn, kienet qed tipprova ssib kenn fis-sagristija. Imma Margaret ma rnexxilhiex: “F’daqqa waħda kien hemm splużjoni, waqajt u ntlift minn sensija.”

Iktar tard, saret taf li kienet tilfet iż-żewġ riġlejn u għajn minnhom. Kellhom jgħaddu kważi sitt xhur qabel ma setgħet toħroġ mill-isptar u terġa’ lura d-dar. B’41 persuna mejta matul il-massakru f’Owo, Margaret tħossha mbierka li baqgħet ħajja. Margaret qalet: “Naf li mhux se nkun nista’ ngħix bħal qabel, imma nirringrazzja ’l Alla li għadni ħajja.”

L-ACN għandha bżonn l-għajnuna tiegħek biex Margaret u l-parruċċani l-oħra jibdew jirkupraw mit-tiġrib li qed isoffru wara li l-estremisti farrku l-Knisja ta’ San Franġisk Saverju.

Fi żmien meta l-miżati tal-iskola huma tant bżonnjużi b’urġenza għal kważi 50 tifel u tifla li tilfu lill-ġenituri tagħhom matul dak il-massakru, l-ACN qed taħdem mal-parroċċa biex tgħin lill-parruċċani kollha. Filfatt kienu organizzati trattamenti psikoloġiċi u mediċi għar-romol, l-orfni, għall-persuni midruba u għal dawk fi bżonn ta’ assistenza psikoloġika.

Dawk li korrew, u li huma foqra, qed jirċievu wkoll finanzjament ta’ darba u oħrajn qed jirċievu finanzjamenti oħra biex ikunu megħjuna fit-taħriġ ta’ ħiliet vokazzjonali.

**L-Isqof Jude Arogundade ta’ Ondo kiteb lill-ACN: “Nitlob umilment għall-konsiderazzjoni tagħkom f’għajnuna f’dawn il-proġetti.” L-ACN hi determinata li tgħinhom u qed tirrikorri lejk għat-talb u l-appoġġ.**

acnmalta.org/rebuildinglives

acnmalta.org/rebuildinglives

# KIF TIBGĦAT ID-DONAZZJONI TIEGĦEK?

**Id-donazzjoni tiegħek se tipprovdi għajnuna tanġibbli lil nies madwar id-dinja li huma tassew fi bżonn kbir. Grazzi.**
Tista' tibgħat id-donazzjoni tiegħek billi:



## SMS JEW TELEFON

Tibgħat SMS vojt jew ċempel fuq wieħed min dawn in-numri:

| | | |
|---|---|---|
| B' SMS | €6.99 | 5061 8949 |
| ĊEMPEL | €15.00 | 5170 2079 |
| ĊEMPEL | €25.00 | 5180 2081 |
| ĊEMPEL | €50.00 | 5190 2064 |

GoGetFunding

## PAYPAL U CREDIT CARD

Żur **https://www.acnmalta.org/donate** u imxi mal-istruzzjonijiet għal donazzjoni permezz ta' PayPal jew bil-credit card tiegħek.

## BANK TRANSFER

Ibgħat *bank transfer* fuq dan il-kont IBAN:
**MT72 APSB 7705 7008 5772 2000 1771 733**

## DONAZZJONI B'CHEQUE

Tista tibgħat ċekk *payable* lil ACN Malta u tibgħatu bil-posta:
**ACN Malta, 35/3 Triq l-Imdina, Ħ'Attard ATD 9038 MALTA**

# IBDA RĊIEVI L-MATERJAL TAL-ACN

**Jekk tixtieq tibda tirċievi l-materjal tal-ACN (Malta) jekk jogħġbok ibgħat messaġġ (SMS/Whatsapp) bl-indirizz jew l-email tiegħek fuq 7999 9969.**

Aid to the Church in Need
ACN
**www.acnmalta.org**

***Aid to the Church in Need (Malta)*, 35/3, Triq l-Imdina, Ħ'Attard, ATD 9038**

*Aid to the Church in Need* hija Fondazzjoni Pontifiċja fi ħdan il-Knisja Kattolika u rreġistrata f'Malta Reg. No. LPF-212, bħala Fondazzjoni taħt it-tieni skeda tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta. **VO/2227**